MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 655/2002/1

**Kawza Nru: 13.**

**Citaz Nru: 655/02 JA**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Raymond u Sonia mizzewgin Psaila.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Gunju, 2002, li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet;

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f' kuntratt datat 29 t' Ottubru, 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor John Hayman, is-socjeta' attrici ikkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenuti Raymond u Sonia mizzewgin Psaila;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Raymond u Sonia mizzewin Psaila fis-somma ta' wiehed u erbghin elf, tmien mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm41,838.22) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Raymond u Sonia mizzewgin Psaila mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A4" u B1 sa B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 29 ta' Jannar, 2002 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok "C", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhek is-socjeta' attrici titlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. Tiddikjara lil Raymond u Sonia mizzewgin Psaila jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' wiehed u erbghin elf, tmien mija u tmienja u tletin Liri Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm41,838.22) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Raymond u Sonia mizzewgin Psaila mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A4" u B1 sa B4") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-1 t' April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 29 ta' Jannar, 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestu u Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nunti minn issa sabiex jidhur ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjrazzjoni mahlufa fis-6 ta' Gunju, 2002 mill-P.L. Joseph Zammit u l-lista tax-xhieda tal-bank attur.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet u b' hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta' attrici;

Semghet lill-Avukat tas-socjeta' attrici;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti konjugi Psaila 'in solidum' sabiex bejniethom jhallsu s-somma ta' wiehed u erbghin elf, tmien mija u tmienja u tletin Lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm41,838.22) bl-imghax mill-1 t' April, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament, kif wkoll l-ispejjez tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------